# L-Iżlam

## RELIĠJON TA' PAĊI



*F'isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin*

# X'inhu l-Iżlam?

Ir-reliġjon Iżlamika twaqqfet taħt direzzjoni divina mill-Qaddis Profeta Muħammad[sa] (570-632 wK) f'Mekka, l-Arabja Sawdita. Il-kelma "Iżlam" tfisser paċi, kif ukoll li tikkonforma għar-Rieda ta' Alla. B'hekk, tfisser "tikseb il-paċi permezz tas-sottomissjoni għar-Rieda ta' Alla". Il-kelma Għarbija għal Alla hija "Allah". L-għan ewlieni tal-Iżlam huwa li jistabbilixxi s-sliem – kemm dak intern għall-individwu, kif ukoll fuq livell ta' soċjetà għall-umanità kollha. Billi jqiegħed lilu nnifsu għar-Rieda u l-Għerf ta' Alla, u jħalli li d-destin jiġi magħġun minnu, l-individwu jista' jasal biex ikollu paċi interna ġenwina.

L-għamla ta' tislija użata mill-Musulmani fil-ħajja tagħhom ta' kuljum hija *Assalam-o-alaikum wa Rahmatullah wa Barakato* hu li tfisser "Jalla s-sliem, il-ħniena, u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqek". Din it-tislija soċjali hija wkoll talba.

Il-kitba qaddisa tal-Iżlam hija l-Koran Imqaddes, li ġie rrivelat lill-Qaddis Profeta Muħammad[sa] tul il-medda ta' 22 sena. Huwa meqjum mill-Musulmani għax huwa l-Kelma sħiħa u perfetta ta' Alla, u huwa s-sors primarju tax-*Shariah* (il-Liġi Iżlamika).

L-Iżlam ma jiddefendi l-ebda forma ta' sfurzar jew vjolenza. Il-Koran Imqaddes jafferma:

**"M'hemmx sfurzar fir-reliġjon."**

(Il-Koran Imqaddes, 2:257)

Il-kunċett Iżlamiku tal-Ġiħad (Jihad) mhuwiex mifhum bil-bosta, kemm minn dawk li mhumiex Musulmani, kif ukoll minn ħafna Musulmani. Primarjament Ġiħad tfisser it-taqbida interna tal-individwu biex jikkontrolla l-passjonijiet tiegħu u jevita li jidneb. Fuq livell soċjali, Ġiħad tfisser li titħabat biex taqdi 'l-umanità u li ttaffi t-tbatija bis-saħħa ta' inizjattivi karitatevoli msejsa fuq l-imħabba lejn il-proxxmu.

Filwaqt, f'kuntest speċifiku, Ġiħad tippermetti l-użu kkontrollat u kondizzjonali ta' taqbid, din l-awtorizzazzjoni hija limitata strettament biex tiddefendi l-libertà reliġjuża, mhux biss għall-Musulmani, iżda għas-segwaċi ta' kwalunkwe reliġjon li tkun qed issofri mill-oppressjoni u l-persekuzzjoni, li jinkludu l-Insara, il-Lhud, u l-Ħindu. Din kienet l-għamla ta' 'gwerra' difensiva li kienet missielta mill-Qaddis Profeta Muħammad[sa], meta huwa, flimkien mad-dixxipli tiegħu, tqabdu kontra l-persekuzzjoni minħabba t-twemmin reliġjuż tagħhom, u biex jopponu t-theddida imminenti tal-qerda totali ta' twemminhom. Il-Koran Imqaddes jgħid:

> "Dawk li jiġu attakkati jingħatalhom il-permess li jiġġieldu biex jiddefendu rwieħhom, għaliex tkun saret inġustizzja kontrihom – u Alla tassew għandu s-Setgħa li jgħinhom – Dawk li tkeċċew inġustament minn djarhom għaliex qalu biss: 'Sidna huwa Alla' – u kieku Alla ma tax wiċċ lil xi wħud bil-għajnuna ta' nies oħra kieku tabilħaqq kienu jiġġarrfu l-kunventi, il-knejjes, is-sinagogi u l-moskej li fihom jissemma u jitfakkar ħafna l-Isem ta' Alla. Tabilħaqq li Alla jgħin lil dak li jgħin lilu. Alla huwa tassew Qawwi, Setgħan." (Il-Koran, 22:40-41)

Kull tip ta' gwerra oħra, kemm nazzjonalista kif ukoll espansjonista, ma tistax tissejjaħ Ġiħad. Skont l-opinjoni tal-Komunità Aħmadija Musulmana, Ġiħad illum trid tiġi missielta **"bil-pinna"** u mhux **"bix-xabla"**.

F'pajjiż fejn il-libertà reliġjuża hija mħarsa, il-Musulmani li jabitaw f'dak il-pajjiż għandhom juru lealtà sħiħa u gratitudni lejn dak il-pajjiż. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal:

**"L-imħabba lejn pajjiżkom hija parti mill-fidi tagħkom."**

L-Iżlam hu reliġjon universali li ma jagħmel l-ebda diskriminazzjoni fejn jidħlu l-ġens, is-sess jew in-nazzjonalità tal-individwu. Il-Koran Imqaddes jiddikjara:

"Ja umanità, Aħna (Alla) ħloqniekom minn raġel u minn mara, u qsamniekom fi tribujiet, u fi tribujiet iżgħar; ħalli tagħrfu lil xulxin. Tassew li l-aktar wieħed rispettat fostkom, f'għajnejn Alla, huwa l-aktar wieħed twajjeb fostkom. Bla dubju, Alla huwa dak li jaf kollox."

(Il-Koran Imqaddes, 49:14)

Skont dan il-paragrafu, id-differenzi li jeżistu fis-soċjetà mhumiex qegħdin hemm biex joħolqu l-firda, iżda aktar biex joħolqu inċentivi ħalli kollha kemm aħna nersqu lejn xulxin.

L-Iżlam iħares ukoll lejn ir-reliġjonijiet l-oħra b'rispett u jqishom li tnisslu kollha minn Alla. Fil-fatt, prinċipju fundamentali fl-Iżlam huwa li kull Musulman għandu jemmen bis-sinċerità kollha fil-profeti u l-messaġġiera kollha ta' Alla, fosthom Ġesù[as], Mosè[as], Abraham[as] u Krixna[as], kif ukoll fl-iskritturi rispettivi kollha tagħhom. Pereżempju, il-Koran Imqaddes jgħid:

"Dan il-Messaġġier tiegħu (Muħammad) jemmen f'dak kollu li ġie rrivelat lilu minn Alla, u anki s-segwaċi tiegħu – kollha kemm huma jemmnu f'Alla, u fl-anġli tiegħu, u fil-Kotba tiegħu, u fil-Messaġġiera tiegħu, billi jgħidu, 'Aħna ma nagħmlu l-ebda distinzjoni bejn il-Messaġġiera tiegħu."

(Il-Koran Imqaddes, 2:286)

"Tassew, Aħna (Alla) għamilna rivelazzjoni miegħek (Muħammad), bħalma għamilna ma' Noè u l-Profeti ta' warajh. U għamilna rivelazzjoni ma' Abraham, Ismael u Iżakk u Ġakobb u t-tfal tiegħu u Ġesù u Ġobbu Ġona u Aaron u Salamun, u tajna Ktieb lil David ... U ma' Mosè Alla tkellem fit-tul."

(Il-Koran Imqaddes 4:164-165)

Il-fidi ta' wieħed Musulman ma titqiesx sħiħa jekk dan ma jemminx fil-messaġġ oriġinali ta' kull Profeta ta' Alla; għaldaqstant kull Musulman irid jirrispetta l-fundaturi tar-reliġjonijiet kollha.

Sfortunatament, bħalma jiġri f'kull reliġjon, il-fehim tal-fidi u l-prattika tal-Iżlam ġie mgħawweġ u ġie utilizzat ħażin mis-sostenituri tiegħu minħabba li dawn jużaw ir-reliġjon għall-interessi egoistiċi u għall-motivazzjonijiet politiċi tagħhom. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] bassar li dan il-fenomenu se jseħħ meta ddikjara:

**“Se jasal iż-żmien fuq in-nies meta xejn ma jkun baqa’ mill-Iżlam ħlief ismu, u xejn ma jkun baqa’ mill-Koran ħlief il-kitba tiegħu.”**

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] ħabbar it-tieni miġja ta’ Ġesù li għandu jirritorna f’din l-art bħala Musulman u bħala l-Messija Mwiegħed tal-Iżlam u bħala l-Maħdi (Riformatur), biex jerġa’ jagħti l-ħajja lill-prattika ġenwina tar-reliġjon Iżlamika u biex jgħaqqad ir-reliġjonijiet kollha flimkien f’armonija.



**IL-KAABA, Mekka, fl-Arabja Sawdita**

Il-Kaaba hi l-ewwel post imwaqqaf fid-dinja għall-qima ta’ Alla. Dan il-post kien reġa’ ġie mibni mill-Profeta Abraham[as], xi erbat elef sena ilu.

# Il-Komunità Aħmadija Musulmana

Il-Komunità Aħmadija Musulmana twaqqfet taħt gwida divina fl-1889 minn Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] (1835-1908) fl-Indja. Huwa ddikjara lilu nnifsu bħala l-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as] li kien tant mistenni għaliex il-miġja tiegħu kienet imħabbra mill-Qaddis Profeta Muħammad[sa]. Bit-twettiq tat-tieni miġja ta’ Ġesù, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] wasal fl-‘ispirtu u l-qawwa’ ta’ Ġesù bħalma Ġwanni l-Battista wettaq it-tieni miġja ta’ Elija.

(Mattew 11:14 u 17:12-13)

Bħalissa l-Komunità Aħmadija Musulmana tinsab imferrxa f’206 pajjiżi b’għexieren ta’ miljuni ta’ membri fid-dinja kollha.

Il-missjoni tal-Komunità Aħmadija Musulmana hija li twassal lid-dinja kollha t-tagħlim tal-Iżlam, hekk kif inhu fl-oriġini tiegħu, jiġifieri mhux imħassar u kompletament fil-kondizzjoni oriġinali. Barra minn hekk għandha l-għan ukoll li xxerred il-messaġġ tal-Iżlam ta’ paċi, imħabba, sliem u sigurtà hekk kif imfisser fil-Koran Imqaddes u muri bis-sħiħ fil-ħajja tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]. Pereżempju, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] iddikjara:

“Il-Qaddis Profeta[sa] kellu żewġ ismijiet, Muħammad u Aħmad ... Kien hemm profezija li tgħid li l-isem Aħmad kien se jerġa’ jimmanifesta ruħu fil-futur u li se titfaċċa persuna li l-kwalitajiet sbieħ tagħha, li jikkaratterizzaw ukoll l-isem ta’ Aħmad [l-isem Aħmad indika li dan kien se jxerred il-paċi u s-sigurtà fid-dinja kollha], kienu se jiġu manifestati, u li l-ġlied kollu kellu jieqaf. Għal din ir-raġuni ... l-isem ta’ din is-setta għandu jkun is-setta Aħmadija ħalli kull min iġorr dan l-isem jagħraf li din il-komunità twaqqfet biex ixxerred is-sliem u s-sigurtà, u li m’għandha xejn x’taqsam mal-gwerer u t-taqbid.”

(Tabligh-i-Risalat, Vol. 9, p.90-91)

Aktar minn hekk, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] iddikjara li fuq livell ta’ soċjetà l-Ġiħad mhix se tibqa’ missielta ‘bix-xabla’ iżda ‘bil-pinna’ biss.

(Ishaatus Sunnah, Vol. VI, Numru 12)

Din id-dikjarazzjoni taqbel mal-profezija tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] li l-Messija Mwiegħed mhux 'se jippermetti gwerer'. (Bukhari 1:668: Book of Prophets, p.490)

Il-Komunità Aħmadija Musulmana, li hija indipendenti, saħansitra finanzjarjament, bil-prinċipju ewlieni tagħha, **"Imħabba għal Kulħadd, Mibegħda għal Ħadd"**, tħabrek biex taqdi lill-umanità u l-kawża għall-paċi u s-sigurtà billi tinvolvi ruħha f'ħidma karitatevoli u filantropika bħat-twaqqif ta' skejjel u sptarijiet fl-aktar popolazzjonijiet fqar u fil-bżonn fid-dinja. Żewġ personaġġi distinti tal-Komunità Aħmadija kienu Sir Zafrullah Khan, li kien il-President tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (1954-61), u Dr Abdus Salam, li kien irċieva l-Premju Nobel għall-Fiżika fl-1979.

Il-Komunità Aħmadija Musulmana hija magħrufa internazzjonalment għall-impenn tagħha biex tippromwovi u tħeġġeġ id-djalogu bejn reliġjonijiet differenti bil-ħsieb li tferrex is-sliem, il-fehim u l-armonija, u anki biex torganizza ħafna avvenimenti bejn reliġjonijiet differenti madwar id-dinja, inkluża Malta.

## Il-Kalifat (Is-Suċċessjoni Spiritwali)

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] mhux biss bassar il-miġja tal-Messija Mwiegħed tal-Iżlam, iżda huwa bassar ukoll li warajh se jkun hemm l-istituzzjoni tal-Kalifat. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] ddikjara:

**"Il-profetiżmu se jibqa' magħkom sakemm ikun jixtieq Alla. Imbagħad huwa jtemmu. Imbagħad jitwaqqaf il-Kalifat fil-passi tal-profetiżmu li jibqa' jeżisti sakemm ikun jixtieq Alla... Imbagħad il-Kalifat jerġa' jiġi mwaqqaf mill-ġdid fil-passi tal-profetiżmu."**

Skont din id-dikjarazzjoni, id-dinja Iżlamika kienet se takkwista l-Kalifat u żżommu sal-aħħar tad-dinja.

Wara l-mewt tal-Messija Mwiegħed[as] fl-1908, il-Komunità Aħmadija tbierket bil-kontinwazzjoni tat-tmexxija tal-Kalifi (is-Suċċessuri) li kollha nħatru b'mod divin. Il-Kalif (is-Suċċessur) attwali tal-Komunità Aħmadija huwa Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba].

Il-Kalif jgħaqqad flimkien il-Komunità li hi mxerrda mad-dinja kollha. Huwa jassigura li kull pass li jittieħed ikun fid-direzzjoni ġusta, b'hekk jissodisfa l-missjoni tal-Messija Mwiegħed[as]. Il-Kalif huwa partikularment iffokat biex jassigura li kulħadd iqis u jipprova jifhem li r-reliġjon Iżlamika hija reliġjon li tħabrek għall-paċi fid-dinja kollha. Hu kemm-il darba enfasizza l-fatt li l-Iżlam iwarrab il-vjolenza f'kull għamla tagħha u għal kull raġuni għax mhumiex kompatibbli ma' xulxin – fil-fatt il-kelma 'Iżlam' tfisser paċi.

In-natura tar-relazzjoni bejn il-Kalif u l-Komunità Aħmadija hija unika fid-dinja. Wara l-elezzjoni ta' kull Kalif, minn kulleġġ elettorali rappreżentattiv, kull membru tal-Komunità Aħmadija jagħti l-kelma tiegħu jew tagħha li se jkun leali lejh, u li se jiddedika ħajtu għall-qadi tal-missjoni tiegħu u l-missjoni tal-Messija Mwiegħed[as].

Bl-istituzzjoni mbierka tal-Kalifat biex tagħtiha direzzjoni, il-Komunità għandha sens ċar ta' dixxiplina u gwida taħt mexxej wieħed – fattur li jgħinha sservi lil Alla u lill-umanità b'għan sinċier u b'devozzjoni altruwista.

# Is-Servizz lejn l-Umanità

L-Iżlam jgħallem li s-servizz li wieħed joffri lill-umanità huwa parti integrali mill-fidi. F'dan l-ispirtu l-Komunità Aħmadija waqqfet għadd ta' skejjel f'diversi pajjiżi, li huma aċċessibbli għal kulħadd. Ħafna minn dawn l-iskejjel saru l-aqwa istituzzjonijiet fil-pajjiż.

Il-Komunità Aħmadija Musulmana hija magħrufa għall-impenn kontinwu tagħha fil-qasam soċjali u tistinka biex taqdi l-bżonnijiet mediċi u edukattivi tal-komunitajiet kull fejn joqogħdu. Il-Komunità Aħmadija bniet ħafna kliniċi mediċi u sptarijiet li joffru s-servizzi tagħhom b'xejn. Fil-kontinent Afrikan dawn l-isforzi qdew lill-popli tal-lokal għal għexieren ta' snin.

Barra l-Afrika, il-Komunità nediet għadd ta' proġetti biex jgħinu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja. Għenet ukoll il-vittmi tal-gwerra u ta' diżastri naturali f'għadd ta' pajjiżi bħall-Indja, il-Ġappun, it-Turkija, il-Bosnja, il-Kosovo, Sri Lanka, l-Indonesja u l-Kaxmir. Il-Komunità Aħmadija Musulmana tappoġġa lil Humanity First **(www.humanityfirst.org)** – organizzazzjoni mhux governattiva internazzjonali, li hija ddedikata biex tippromwovi, tħares u tipproteġi l-ħajja umana u d-dinjità. Din l-aġenzija internazzjonali msejsa fuq l-għajnuna u l-iżvilupp, u li mhix politika u ma għandha rbit ma' ħadd, taħdem ma' ħafna komunitajiet imxerrda mad-dinja kollha biex ittejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-aktar nies fqar u vulnerabbli tad-dinja.

Il-membri tal-Komunità Aħmadija Musulmana se jibqgħu jservu lill-umanità bla interessi personali, bi mħabba u devozzjoni.

---

**sa** *sallallahu 'alaihi wa sallam,* li tfisser 'Jalla s-sliem u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu', tinkiteb wara l-isem tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

**as** *alaihis-salam,* li tfisser 'Jalla l-paċi tkun fuqu', hija miktuba wara l-isem tal-Profeti barra dak tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

**aba** *ayyadahullahu ta'ala binasrihil-'aziz,* li tfisser 'Jalla Alla l-Omnipotenti jagħtih l-għajnuna sħiħa tiegħu', tinkiteb wara l-isem tal-Mexxej attwali tal-Komunità Musulmana Aħmadija, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul-Masiħ V[aba].

**Lealtà | Ħelsien | Ugwaljanza | Rispett | Paċi**

**Imħabba għal Kulħadd | Mibegħda għal Ħadd**

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

*'Islam - Religion of Peace' in Maltese language.*

**Mob:** +356 7932 0139 | **Tele:** +356 2734 2401
**Tele:** +356 2132 2105 | **Fax:** +356 2732 2105
Email: amjmalta@gmail.com
**www.ahmadija.org.mt**
**www.ahmadiyyamalta.org**

*Stampa: © shutterstock.com*